Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Saviour Baldacchino]

[Spettur Melvyn Camilleri]

vs

Stephen Borg

Kumpilazzjoni Numru: 978/14

Illum, 25 ta' Ottubru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Stephen Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 155778M akkuzat talli f'xi hin wara nofs il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta Settembru 2014 gewwa Zejtun:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti kif ukoll ta' oggetti elettronici li kienu jammontaw ghal-madwar tnax il-elf u mitt ewro (€12,100) minn gewwa ufficini tal-kumpanija 'Mr Whippy' li jinsabu gewwa Triq il-Vittmi tal-Gwerra Zejtun ghad-detriment ta' Joseph Carabot u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil-valur (li jiskorri €2329.37), bil-hin, bil-mezz u bil-persuna; bi ksur tal-Art 263, 265, 268(a), 270 u 279(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D fis-07 ta' Lulju 2009 u dan taht depozitu ta' €3,000 u garanzija personali ta' €30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li taghmel mill-istess Qrati;

3. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL. D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

4. Kiser ukoll il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona LL.D fis-27 ta' Awwissu 2013 u dan taht garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonjiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

5. U aktar talli b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrati Dr A. G. Vella LL. D fl-14 ta' Mejju 2014 u dan taht depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta' €9,000 fost kundizzjonjiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Stephen Borg bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema

sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Stephen Borg inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-sommom bhala depozitu u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Jannar elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija jew htijiet:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(b)(c)(d)(f), 263, 265, 268(a), 270, 271(g), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq minn garaxx li jintuza biex jaghmlu l-gelati taht l-isem Mr. Whippy.

Illi xehed l-**Ispettur Saviour Baldacchino** li qal li fid-9 ta' Settembru 2014 marru jirrappurtaw l-ghassa tliet impjegati ta' Whippy Gelateria fejn qalu li nsterqu cirka erba' jew hamest elef ewro u xi apparat tas-CCTV. Il-Pulizija li marru fuq il-post innutaw marki fuq l-*aluminium* tal-istess sit u nnutaw li xi bibien kienu wkoll imkissrin. Irrizulta li l-flus kienu mehuda minn go kaxxa li kienet imwahhla mal-bieb tal-*aluminium* li jaghti ghall-ufficini. Joseph Carabott, sid il-gelaterija, infurma l-pulizija li l-ammont li nsteraq

ma kienx ta' hamest elef ewro imma ta' tnax-il elf ewro. Joseph Carabott infurma lill-pulizija wkoll li kellu suspett f'certu Dylan German. Aktar tard, is-sur Carabott infurmahom li gie kkuntattjat minn qassis li tah ammont ta' flus sostanzjali li kienu gew mis-serqa. Qal li kienu baghtu ghal Dylan German u mill-investigazzjonijiet taghhom, saru jafu li kien involut ukoll certu Daryl Camilleri. Kien ittiehed il-*mobile phone* ta' Dylan German tal-ghamla Nokia. Dylan German kien ikkonferma mal-pulizija li huwa kien involut f'din is-serqa flimkien ma' Daryl Camilleri. Semma' wkoll lil Stephen Borg, maghruf bhala 'il-Melliehi' li x-xhud gharaf fl-awla. Dylan German infurmahom li kien ghamel kuntatt bit-telefon mal-imputat fejn hu stess kien hajjar lill-imputat biex jidhol mieghu f'din is-serqa. Dylan German u Daryl Camilleri tressqu l-Qorti, ikkonfermaw l-istqarrija taghhom bil-gurament u nghatat sentenza kontrihom. Zied jghid li da parti tal-pulizija baghtu ghall-imputat fejn infurmawh b'dak li qalu Daryl Camilleri u Dylan German izda l-imputat innega dan kollu. Il-pulizija elevat il-*mobile* tal-imputat u peress li baqa' jinnega l-involviment tieghu, kienu rrilaxxawh sakemm isiru aktar investigazzjonijiet. L-Ispettur qal li kien ikkonferma li n-numru 99603894 kien tal-*mobile* ta' Stephen Borg u kkonfermaw ukoll li dakinhar tas-serqa

ghall-habta tal-kwarta ta' filghodu (00:15am), Stephen Borg kien ezattament fuq ix-xena tad-delitt, u dan gie kkonfermat permezz tas-*service providers*. Huwa esebixxa d-dokumenti bl-investigazzjonijiet tieghu fejn juri ukoll il-*mobile number* ta' Dylan German u cioè 79331864.

Illi xehed **Joseph Carabott** li jahdem il-fabbrika tal-Whippy. Qal li ma jafx lill-imputat u li dak iz-zmien tas-serqa kien imsiefer. Di fatti kienet cemplet bintu fejn qalet li regghu serquh mill-garaxx. Kien induna bis-serqa l-impjegat tieghu Darren li huwa ghamel *"in charge*" waqt li kien imsiefer. Qal li serqu pagi ta' ghaxart'ijiem u cioe` l-ammont ta' cirka tnax-il elf. Dawn kienu flus kontanti. Insterqet ukoll is-sistema tas-CCTV. Zied jghid li huwa kellu suspett f'Darrenu persuna ohra li kien waqqaf mix-xoghol qabel. Fuq domanda tal-Qorti rega' kkonferma li huwa ma jafx lill-imputat. Zied jghid li kien cempillu l-Arcipriet u kienu tawh il-flus kollha lura u qallu sabiex l-istorja tieqaf hawn. Ix-xhud qal li l-Pulizija kienet diga` dahlet fl-istorja. Mistoqsi jekk semmewx l-isem Stephen Borg qal: *"Le, le li semmewli minghalija Darren u ma nafx jekk semmiha lil iehor ukoll." Mistoqsi jekk semma xi laqam qal: "Il-Melliehi xi haga"*.

Xehdet **WPS219 Erika Abela** li qalet li kienet marret fuq il-post flimkien mas-Surgent 1298 fejn rat li ma kienx hemm taqlib hlief fl-ufficcju fuq in-naha ta' wara ta' dan il-garaxx kbir tal-Whippy. Ziedet tghid li kien hemm sgass fil-bieb ta' barra tal-*aluminium* u l-pum kien mal-art. Hija esebiet okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. 'EA'.

Xehed ukoll **PS1298 Lambert Zammit** li qal li kien mar ma' WPS219 fuq il-post fejn ma sab l-ebda sgass: *"sgass ma kien hemm xejn."* Mistoqsi dwar il-pum li WPS219 qalet li sabet mal-art ix-xhud qal li ma jirrizultalux li jaf bih. Zied jghid li jekk jiftakar sew kien hemm taqlib fl-ufficcju li kien fuq wara ta' dan il-garaxx kbir. Qal li kien hemm nieqes l-apparat tar-*recording* u x'hin kienu hergin il-bieb tal-garaxx li kien maghluq infetah wahdu. Qal li regghu daru l-post izda ma sabu xejn.

Xehed **PC 829 Alan Dougall** li qal li sab il-bieb ta' barra tal-*aluminium* sgassat fejn dan skont ix-xhud *"kellu daqqa … levatura*". Qal li ma nnota xejn, lanqas taqlib. Fil-fatt qal li ma kien hemm xejn taqlib u nnutaw biss li kien nieqes is-CCTV ghaliex qalulhom huma stess. Zied jghid li daru l-post izda t-tfittxija

rrizultat fin-negattiv. Qal ukoll li beda jinfetah u jinghalaq il-bieb ghaliex xi hadd beda jaghfas ir-*remote* pero` ma sabu xejn lanqas.

Xehed l-ufficjal tal-probation **Glen Grixti** li kien ipprezenta *social inquiry report* fuq l-imputat. Spjega li dak iz-zmien l-imputat ma kienx qieghed il-habs u l-kampjuni kollha tal-urina rrizultaw kollha posittivi ghad-droga.

Xehed **Vasiley Popov** li stqarr li kien bil-vann tal-gelat tal-kumpanija ta' Joseph Carabott (Mr. Whippy). Qal li kien ma' certu Roger Agius izda ma jiftakarx id-data. Stqarr li x'hin waslu l-garaxx fejn jaghmlu l-gelat sabu l-bieb miftuh u dan kien bejn il-hdax u nofs u nofs il-lejl. Qal li fil-garaxx kien hemm lavrant minn taghhom, Darren, kunjomu ma jafux. Ikkonferma li Darren biss kien hemm u lill-imputat qatt ma rah u lanqas jaf min hu. Qal li l-fabbrika tkun miftuha bejn id-disgha ta' filghodu sakemm il-lavranti jdahlu l-vannijiet f'nofs il-lejl. Qal li Darren kien fuq xoghol fil-garaxx u ma staqsiehx jekk il-garaxx fethux hu jew le. Ix-xhud qal li ma kienx jaf jekk kien hemm xi haga nieqsa fil-garaxx. Wara qal li huwa kien wiehed minn dawk li ghamlu r-rapport ta' serq u di fatti qal li nsterqu flus fl-ammont ta' iktar minn dsatax-il elf.

Qal li l-ghada sar jaf li nsterqu dawn il-flus pero` meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk jafx meta nsterqu dawn il-flus qal li ma jafx. Zied jghid li x'hin dahal dan il-lavrant qallu: *"Serquna"* izda ma qalx x'kien hemm nieqes. Minn hemmhekk cemplu lill-pulizija u gew fuq il-post. Mistoqsi mill-Qorti jekk semax lill-lavrant ikellem lill-pulizija qal li le.

Xehed **PC372 Charles Desira** li qal li kien mar fuq il-post malli rcieva telefonata li kienet sehhet serqa minn Mr. Whippy. Qal li malli wasal sab il-pum imqaccat mal-art. Tkellem mal-lavranti li qalulu li ndunaw li ma kienx hemm flus fil-*cash register.* Qal li dak il-hin sema' lill-lavranti jghidu li kien hemm erbat elef ewro neqsin u l-*video* tas-CCTV. Sema' lil xi hadd ukoll jghid li kien hemm xi flus go vazett li ma nsteraqx. Zied li daru l-garaxx li huwa kbir u ma sabu xejn. Qal li mbaghad baqa' hemm *fixed point* fejn innota li l-lavranti diversi drabi kienu telqu, regghu gew u telqu u l-bieb tal-garaxx kien miftuh. Zied jghid li hin minnhom il-bieb tal-garaxx beda jinzel wahdu.

Xehed l-**Ispettur Melvyn Camilleri** li qal li fid-9 ta' Settembru 2014 ircevew rapport minghand Roger Agius, Vasili Popov u Daryl Camilleri bhala haddiema ta' Mr. Whippy li kienu ghadhom kif

indunaw li kienet sehhet serqa fl-istess gelaterija. Is-serqa ammontat ghal madwar erbat elef ewro/ hamest elef ewro u l-apparat tas-CCTV. Wara xi granet qal li sid il-gelaterija, Joseph Carabott, infurmah li s-somma li nsterqet kienet ta' tnax-il elf ewro u mhux hamest elef. Joseph Carabott kien qallu li kellu suspett f'haddiem tieghu Dylan German, u wara nfurmah li l-flus gew ritornati minn Qassis. Zied li kienu arrestaw lil Dylan German u anki lil Daryl Camilleri u fl-istqarrijiet taghhom qalu li kienu nvoluti f'din is-serqa pero` kien Stephen Borg (il-Melliehi) li fil-verita` kien dahal fil-post. Dawn iz-zewg persuni kienu tressqu l-Qorti u ammettew l-akkuzi kontrihom u wara gguramentaw l-istqarrijiet taghhom. Wara gie arrestat Stephen Borg li ma kienx tkellem fl-istqarrija tieghu.

Xehed l-**Ispettur Fabian Fleri** li esebixxa kopja ta' *bail conditions* li nghataw fil-kawza 'Il-Pulizija vs Stephen Borg' mahrugin fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju 2014 li gew immarkati bhala Dok. 'F1'.

Xehed l-**Ispettur Saviour Baldacchino** li wkoll ipprezenta *bail conditions* tas-sebgha (7) ta' Lulju 2009 mahruga mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman f'kawza ohra kontra l-imputat (Dok. 'SBX').

Ipprezenta wkoll sentenza tal-erbgha (4) ta' Marzu 2015 li giet immarkata bhala (Dok. 'SBZ') u sentenza ohra (Dok. 'SBY') moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru 2014. Esebixxa wkoll digrieti ta' helsien mill-arrest (Dok. 'SBZ1' u Dok. 'SBZ2') u sentenza ohra moghtija nhar l-erbgha (4) ta' Lulju 2011 li giet immarkata bhala (Dok. 'SBZ3').

Xehed **PS644 Evan Camilleri** li qal li kien gie nominat mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras fejn acceda fuq il-post u kien ha xi ritratti u ghamel tfittxija ghall-evidenza forensika. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata Dok. 'EC1'.

Rat illi fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru 2018, il-Qorti nnominat lil Joseph Mallia sabiex jaghmel komparazzjoni tal-impronti digitali elevati mill-pulizija.

Xehed **Joseph Mallia** li pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat Dok. 'JM1'. L-espert ikkonkluda li t-tliet impronti li huwa eleva ma kinux jaqblu ma' dawk tal-imputat. Di fatti il-komparazzjoni rrizultat fin-negattiv.

Rat li fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2020, l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza odjerna titkompla bi procedura summarja.

Rat illi fil-hdax (11) ta' Mejju 2021, id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex provi x'tipproduci.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi minn harsa lejn l-atti processwali jirrizulta illi hemm nuqqas serju ta' provi li gew imressqa mill-pulizija. Il-provi li jirrizultaw mill-process bl-ebda mod ma jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija tal-imputat. Ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci provi ta' relevanza; tant hu hekk li lanqas biss ipproduciet lil Dylan German u lil Daryl Camilleri sabiex jixhdu f'dawn il-proceduri. Dawn iz-zewg xhieda setghu jixthu ftit dawl f'dawn il-proceduri stante li kienu propju huma li semmew lill-imputat u kien minhabba dak li qalu li l-pulizija arrestat lil Stephen Borg. Apparti minhekk dak li kkonstata l-Ufficjal Prosekutur waqt

l-investigazzjonijiet tieghu ma giex ikkorroborat bix-xhieda tas-*service providers* u ghalhekk ma giex ikkonfermat in-numru tal-*mobile* tal-imputat u lanqas il-*location* tal-imputat dakinhar tas-serqa.

Illi minflok il-Prosekuzzjoni ressqet xhieda li ma jafux lill-imputat u li qatt ma raw lill-imputat. Apparti minhekk ix-xhud Vasiley Popov qal li meta wasal il-garaxx u sab il-bieb miftuh kien hemm biss lavrant, u ghalhekk hadd qatt ma ra lill-imputat.

Illi apparti li ma kien hemm l-ebda xhud li seta' jorbot l-imputat mad-delitt, il-Qorti tinnota li l-impronti digitiali elevati rrizultaw fin-negattiv u lanqas biss kien hemm *CCTV footage*.

Illi ghaldaqstant johrog car mill-atti processwali li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq kaz sufficjenti li tista' twassal ghall-konvinciment morali li d-delitt twettaq proprju mill-imputat. Bhala stat ta' fatt ma hemmx prova wahda li tallaccja d-delitt tas-serq mal-imputat Stephen Borg.

Illi sta ghall-Prosekuzzjoni sabiex iggib l-ahjar prova quddiem il-Qorti u sabiex tikkonvinci l-Qorti li l-akkuzi twettqu mill-imputat, u mhux vice-versa. L-*onus probandi* fil-kamp kriminali huwa xoghol l-Ufficjal Prosekutur u fil-kaz in ezami l-provi li ngabu quddiem il-Qorti ma jwasslux ghall-htija tal-imputat u certament ma jwasslux ghall-konvinciment morali tal-Qorti oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Stephen Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**